


## Reġistri tal-insolvenza - Portugall

Din il-paġna tipprovdi introduzzjoni qasira għar-reġistru ta' insolvenza Portugiż.



### X'jinkludi r-reġistru ta' insolvenza?

Ir-[reġistru ta' insolvenza](#) elettroniku jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- In-numru tal-każ tal-insolvenza
- L-identifikazzjoni tal-qorti fejn kien jew ikun qiegħed jinstema' l-każ ta' insolvenza
- L-identifikazzjoni tal-persuna insolventi
- L-identifikazzjoni tal-amministratur għall-insolvenza
- Il-limitu taż-żmien għall-preżentazzjoni tat-talbiet
- Id-data li fiha kienet iddikjarata l-insolvenza

Ir-reġistru elettroniku jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-każijiet ta' insolvenza (ara *hawn taħt*).

### Hemm xi fhas għall-konsultazzjoni tar-reġistru ta' insolvenza Portugiż?

Le, il-konsultazzjoni tar-reġistru ta' insolvenza **hija mingħajr fhas**.

### Leġiżlazzjoni dwar ir-reġistru ta' insolvenza

Ir-reġistru ta' insolvenza Portugiż huwa regolat bl-Artikolu 38 tal-*Código da Insolvência e da Recuperação de Empresas* (Kodiċi tal-Insolvenza u tal-Irkupru Korporattiv), adottat bid-Digriet Amministrattiv Nru 53/2004 tat-18 ta' Marzu 2004, kif emendat.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija **ġestita mill-Istat Membru rispettiv**. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.

L-aħħar aġġornament: 13/09/2020